**Nomina ta' Joseph Pirotta bħala**
**Ambaxxatur ta' Malta mhux Residenti għall-Qatar**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595

***Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern***

1. **X'taħseb li huma l-isfidi li għandu l-Qatar? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar ambaxxatur?**

Il-Qatar ilu snin iħaddem politika barranija kemmxejn differenti minn dik tal-ġirien tiegħu membri tal-GCC (Gulf Cooperation Council). Madankollu kienu bażikament tnejn il-punti li wasslu għall-kriżi tal-2017 li wasslet biex ġie iżolat il-Qatar mill-pajjiżi Għarab ġirien. L-ewwel punt huwa s-sapport tal-Qatar lil ċerti gruppi Iżlamiċi bħal Muslim Brotherhood u t-tieni punt huwa r-rabtiet dejjem jissaħħu bejn il-Qatar u l-Iran. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li għal snin twal l-Iran u l-Arabja Sawdija huma ż-żewġ potenzi dominanti. Għalkemm jammetti li pprovda għajnuna lil Muslim Brotherhood, il-Qatar jiċħad li qatt għen lil xi gruppi militanti marbuta mal-Al Qaeda jew IS. Ir-relazzjonijiet bejn il-Qatar u l-Iran huma msejsa fuq il-fatt li ż-żewġ pajjiżi jixxerjaw l-akbar riżerva ta' gass naturali fid-dinja.

Dan id-diżgwid bejn il-Qatar u l-pajjiżi ġirien wassal biex fil-5 ta' Ġunju 2017 l-Arabja Sawdija, l-Emirati Għarab Magħquda u l-Bahrain qatgħu r-relazzjonijiet mal-Qatar. Keċċew liċ-ċittadini Qatari minn dawn it-tlett pajjiżi u ma ħallewx liċ-ċittadini tagħhom isiefru jew joqogħdu aktar fil-Qatar. L-Eġittu, il-Yemen, il-Maldivi u l-Gvern Libjan ibbażat Tobruk ukoll qatgħu r-relazzjonijiet diplomatiċi. Barra minn hekk, l-Eġittu, l-Arabja Sawdija, l-Emirati Għarab Magħquda u l-Bahrain għalqu l-ispazju tal-ajru għall-ajruplani ta' Qatar. L-unika fruntiera fuq l-art tal-Qatar mal-Arabja Sawdija giet magħluqa minnufih u bċejjeċ tal-baħar li jtajru bandiera tal-Qatar ma tħallewx iżjed jidħlu fil-portijiet ta' dawn il-pajjiżi. Ta' min isemmi li żewġ pajjiżi tal-GCC, il-Kuwajt u l-Oman, ma qatgħux ir-relazzjonijiet mal-Qatar u l-Kuwajt għadu jipprova jagħmilha ta' medjatur bejn iż-żewġ naħat.

Naturalment din is-sitwazzjoni ta' iżolament ġabet sfidi kbar lill-Qatar. Għalkemm huwa wieħed mill-akbar produtturi taż-żejt u gass naturali, il-Qatar huwa pajjiż relattivament żgħir bil-popolazzjoni ta' 2.7 miljun li kienet tiddependi għal aktar minn 40% tal-importazzjoni minn fruntiera mal-Arabja Sawdija. Iżda l-provvisti tal-ikel malajr bdew ġejjin minn żewġ pajjiżi oħra li għandhom interess fir-reġjun – l-Iran u t-Turkija. Għall-ewwel, anke l-Qatar Airways qalgħet daqqa ta' ħarta peress li kellha tħassar it-titjiriet kummerċjali lejn 18-il destinazzjoni fir-reġjun u kellha ddawwar ir-rotot kważi kollha biex tevita l-ispazji tal-ajru tal-pajjiżi li issa qed jibbojkottjaw lill-Qatar. Għall-ewwel, anke l-*istock market* qala' daqqa ta' ħarta għalkemm wara xahrejn reġa' beda jirkupra sew. L-esportazzjoni tal-gass naturali baqgħet għaddejja normali minkejja l-kriżi u kien għalhekk li l-Ministru tal-Finanzi kkonferma li l-Qatar għandu biżżejjed riżorsi biex jiddefendi l-ekonomija b'saħħitha u l-munita tal-pajjiż. Il-preparamenti biex tinżamm il-World Cup fl-2022 baqgħu għaddejjin għalkemm il-kumpaniji involuti fil-bini ta' *stadiums* u infrastrutturi oħra kellhom ifittxu sorsi oħra minn fejn jimpurtaw il-materjal tal-bini. Il-prezzijiet għall-ġarr tal-merkanzija bil-baħar sparaw 'il fuq sakemm il-Qatar għamel

arranġamenti sabiex il-merkanzija tibda tgħaddi mill-portijiet fl-Oman minħabba r-restrizzjonijiet imposti mill-pajjiżi ġirien.

Ikolli nżid li din il-qasma bejn il-pajjiżi tal-Golf qiegħda tiġi riflessa anke fil-konflitt li għaddej fil-Libja. Għandek l-Emirati Għarab Magħquda u l-Eġittu qed jappoġġjaw l-isforzi ta' Khalifa Haftar, filwaqt li Qatar u t-Turkija qegħdin jappoġġjaw lill-gvern rikonoxxut min-Nazzjonijiet Uniti ġewwa Tripli.

Fl-isfond ta' dan kollu, Malta, minkejja ċ-ċokon u l-limitazzjonijiet tagħha, dejjem ħadet pożizzjoni newtrali f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Malta tgawdi wkoll relazzjonijiet tajbin ħafna mal-pajjiżi tal-Golf u diġà għandna Ambaxxati fl-Arabja Sawdija, fil-Kuwajt u l-aħħar waħda kont proprju jien li bdejt naħdem fiha bħala Chargé d'Affaires fl-2017. Minkejja li mhux se nkun residenti f'Doha, f'każ li ninħatar Ambaxxatur nuża l-mezzi kollha disponibbli sabiex inkattar il-ftehim li diġà jeżisti bejn iż-żewġ pajjiżi f'kull livell. Naħdem flimkien mal-uffiċjali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin sabiex nirrevedu l-Ftehim u l-Memoranda li ġew iffirmati bejn iż-żewġ pajjiżi, specjalment dawk mill-2009 'l hawn u nara hemmx lok li jiġu ffirmati Ftehim ġodda f'oqsma differenti li jkomplu jsaħħu dak li diġà għandna. Qatar huwa pajjiż li l-ekonomija tiegħu tiddependi l-aktar mill-produzzjoni u esportazzjoni tal-gass u ż-żejt. Madankollu l-mexxejja qegħdin ukoll iħarsu 'l quddiem għal meta d-dinja ma tkunx dipendenti daqshekk fuq dawn il-prodotti. Qegħdin iħarsu biex jiddiversifikaw l-ekonomija u jibnu setturi ġodda bħat-turiżmu, l-edukazzjoni u s-saħħa. U proprju f'setturi bħal dawn li għandna nistudjaw sew fejn nistgħu nżidu l-kooperazzjoni meta Malta għandna istituzzjonijiet mill-aqwa u nistgħu nagħtu ħafna lil pajjiżi bħall-Qatar li f'dawn l-oqsma qed ifittxu pajjiżi b'aktar esperjenza minnhom. Ta' min isemmi li 88% ta' dawk li jaħdmu fil-Qatar huma barranin, l-aktar is-subkontinent Indjan. Għalhekk il-Gvern qed jinvesti fl-edukazzjoni taċ-ċittadini Qatari bil-ħsieb li jokkupaw għallinqas il-karigi għoljin kemm fit-tmexxija tal-pajjiż u kemm fid-diversi oqsma tal-ekonomija. Ix-xogħol ta' Ambaxxatur mhux biss li jirrappreżenta lil pajjiżu imma li jkun strument li jgħaqqad u jidentifika kull opportunità ta' xogħol u proġetti li jkunu ta’ benefiċċju għal pajjiżu. Sakemm inkun Ambaxxatur mhux Residenti nuża l-kuntatti kollha għad-dispożizzjoni tiegħi biex inkattar u nibni fuq li diġà hemm. Però nemmen li 'l quddiem wieħed irid jibda jaħseb biex tinfetaħ ukoll Ambaxxata f'Doha – l-ewwelnett għaliex preżenza fil-pajjiż hija insostitwibbli u t-tieni biex fis-sitwazzjoni preżenti fil-Golf nibbilanċjaw il-preżenza tagħna f'Abu Dhabi u Riyadh. Qatar, minkejja ċ-ċokon tiegħu, huwa meqjus bħala pajjiż sinjur u ċ-ċittadini tiegħu wkoll iħarsu barra minn xtuthom għal investimenti f'diversi setturi fosthom it-turiżmu, l-edukazzjoni u l-isport. Bħala Ambaxxatur beħsiebni wkoll nara x'possibilitajiet jeżistu biex ikollna investimenti f'dan is-settur.

**2. Bħala Ambaxxatur mhux Residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista’ jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn il-Qatar u Malta, rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Ix-xogħol ta' Ambaxxatur huwa primarjament dak li jirrappreżenta lil pajjiżu u juża kull mezz possibbli biex ikattar ir-relazzjonijiet bejn pajjiżu u l-pajjiż fejn huwa akkreditat. Bħala Ambaxxatur mhux Residenti jiena mistenni naqdi l-istess funzjoni ta' Ambaxxatur minn Malta stess. Dan jinvolvi li nżomm ruħi aġġornat il-ħin kollu bl-iżviluppi fil-Qatar u fl-istess ħin nagħti pariri lill-Ministru dwar azzjonijiet li għandhom jittieħdu minn żmien għal żmien. Nirrevedi l-Ftehimiet li ġew iffirmati fil-passat u fejn hemm bżonn naġġornawhom jew inbiddluhom. Inżidu d-djalogu bejn iż-żewġ Ministeri tal-Affarijiet Barranin u nidentifikaw setturi ġodda ta' kooperazzjoni. Inżommu ruħna aġġornati għal avvenimenti kemm politiċi,

kulturali u ekonomiċi li jsiru fiż-żewġ pajjiżi fejn il-parteċipazzjoni tal-pajjiż issir ta' rilevanza (Laqgħat internazzjonali, konferenzi ministerjali u anke settorjali, fieri internazzjonali u speċjalizzati, eċċ.).

Bħala Ambaxxatur mhux Residenti nibda minnufih nibni *network* ta' kuntatti kemm fil-Qatar u fid-dinja diplomatika tal-Qatar li jgħinuni u jħaffuli x-xogħol minħabba l-fatt li mhux se nkun preżenti fiżikament il-ħin kollu ġewwa Doha. Xogħli jkun li nuża kull mezz biex nippromwovi lil pajjiżna billi nsaħħaħ ir-relazzjonijiet diplomatiċi u anke nwessa l-firxa ta' setturi fejn iż-żewġ pajjiżi jistgħu jikkoperaw flimkien.

Waħda mill-isfidi determinanti għar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi hija li nżommu l-konnettività – fil-każ tal-Qatar s'issa għandna l-Qatar Airways li tipprovdi servizz eċċellenti u li kienet ukoll ta' għajnuna għal Malta f'diversi okkażjonijiet. Servizz bħal dan jiffaċilita l-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi u joffri alternattiva għall-Maltin li jixtiequ titjira lejn pajjiż differenti mid-destinazzjonijiet tradizzjonali.

3. **X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Qatar? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

Il-Qatar huwa pajjiż li l-ekonomija tiegħu hija bbażata fuq il-produzzjoni u l-esportazzjoni taż-żejt u l-gass naturali. Il-figuri tal-kummerċ bejn Malta u l-Qatar huma baxxi għalkemm favur tagħna (figuri għall-2019 juru li nimportaw USD 2 miljun u nesportaw madwar USD 6.5 miljun). Il-prodotti li qed nesportaw jagħtu diġà indikazzjoni ta' fejn nistgħu nkomplu nibnu bħala esportazzjoni.

Għandna wkoll nibdew insegwu l-industrija tal-kostruzzjoni li għaddejja fil-Qatar fejn kumpaniji Maltin jistgħu jibdew jikkompetu għal servizzi u prodotti maħdumin Malta. Barra minn hekk, nistgħu nsegwu aktar mill-qrib u nipparteċipaw f'fieri speċjalizzati ġewwa l-Qatar li jagħtuna *exposure* flimkien ma' pajjiżi oħra li jikkompetu magħna.

Mill-esperjenza tiegħi huwa importanti wkoll li titwaqqaf Kummissjoni Mħallta (*Mixed Commission*) bejn iż-żewġ pajjiżi fejn jipparteċipaw ukoll il-Kamra tal-Kummerċ, Trade Malta u Malta Enterprise fuq in-naħa Maltija – Kummissjoni li tiltaqa' kull sentejn. Id-delegazzjonijiet kummerċjali għandhom jiżdiedu, speċjalment jekk ikunu mmexxija minn Ministru tal-Gvern Malti. Fil-kultura Għarbija ż-żjarat reċiproċi tal-mexxejja tal-pajjiżi huma ta' importanza kbira u jirriflettu d-determinazzjoni ta' tisħiħ fil-futur.

4. **Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Ir-relazzjonijiet diplomatiċi ngħataw spinta kbira biż-żjara tal-President ta' Malta fil-Qatar fl-2009 fejn ġew iffirmati għadd ta' ftehimiet. Jidher li s'issa ġew iffirmati dawn it-Trattati bejn Malta u l-Qatar:

- Ftehim fuq Kooperazzjoni konġunta fis-settur legali (2009);
- Ftehim fuq Kooperazzjoni konġunta u skambju ta' informazzjoni (2009);
- Konvenzjoni tat-Taxxa Doppja u evażjoni fuq it-Taxxa tad-Dħul (2009);
- Ftehim fuq Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Gvern tal-Istat tal-Qatar għas-servizz tal-ajru bejn iż-żewġ pajjiżi u barra mit-territorji rispettivi tagħhom (2009);

- Ftehim fuq Kooperazjoni Kulturali (2010);
- Ftehim fuq l-eżenzjoni tal-*visa* għal diplomatiċi u passaporti speċjali (2010);
- Ftehim fuq Kooperazjoni Bilaterali bejn il-Gvern tar-Repubblika ta’ Malta u l-Gvern ta' l-Istat tal-Qatar (2012);
- Konvenzjoni kontra t-Traffikar Illeċtu ta' Droga, Sustanzi Psikotropiċi u Kriminalità Organizzata (2012);
- Ftehim dwar Kooperazzjoni Ekonomika u Teknika (2012);
- Ftehim dwar it-Twaqqif ta' *Joint Business Council* bejn il-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija tal-Qatar u l-Kamra Maltija tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija (2012);
- MoU bejn il-Kumitat Olimpiku tal-Qatar u l-Kunsill Malti ghall-Isport fil-Qasam Sportiv (2009);
- MoU dwar Konsultazzjoni Bilaterali bejn iż-żewġ Ministeri għall-Affarijiet Barranin (2010);
- MoU dwar Kooperazjoni fil-Qasam tas-Saħħa (2010);
- MoU bejn il-Kamra tal-Kummerċ u Industrija tal-Istat tal-Qatar u l-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija tar-Repubblika ta' Malta (2010); u
- MoU fis-Settur tal-Edukazzjoni, Edukazzjoni Għolja u Riċerka Xjentifika (2012).

Dawn it-trattati ġew iffirmati f'dawn l-aħħar 11-il sena u juru li diġà hemm bażi soda ta' kooperazzjoni fuq xiex wieħed jista' jkompli jibni r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi. Għad irrid nara u nifli sew dawn it-trattati sabiex inkun nista' ngħid jekk jistghux jigu adattati aħjar għal xi tibdil li forsi sar miż-żmien li ġew iffirmati 'l hawn.

**5. Tista’ telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

L-ewwel xogħol tieghi mal-Gvern kien bħala għalliem tal-Franċiż u Taljan fil-Junior Lyceum, iżda fl-1984 ħadt *scholarship* u mort l-Università ta' Parma ġewwa l-Italja fejn ksibt lawrja wara li ppreżentajt teżi fuq l-introduzzjoni tal-istampa f’Malta.

Mar-ritorn lejn Malta ltqajt ma' Diplomatiku Malti li kont diġà ltqajt miegħu l-Italja u ħajjarni biex nidħol il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Meta dħalt fil-Ministeru ngħatajt il-pajjiżi tal-Maghreb fejn tgħallimt ħafna taħt id-direzzjoni tal-mibki Ambaxxatur Alfred Zarb.

Fl-1988 intbgħatt għaxar xhur Pariġi u din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi fuq xogħol f'ambaxxata. Ma domtx wisq mal-Ambaxxatur Zarb għaliex f'Ottubru 1990 mort insegwi kors intensiv *full time* fil-lingwa Ċiniża ġewwa Thames Valley University, Londra. Hekk kif spiċċajt il-kors fiċ-Ċiniż, ingħatajt *posting* Beijing fejn għall-ewwel tliet snin kont Chargé d'Affaires sakemm gie nominat l-ewwel Ambaxxatur residenti Victor J. Gauci li m’ilux wisq li ħalliena. Wara l-Ambaxxatur Gauci mbagħad ħdimt mal-Ambaxxatur Charles Vella għal xi sena u nofs għaliex fl-1997 ergajt irritornajt il-Ministeru wara sitt snin mhux faċli ġewwa Beijing.

Wara sentejn il-Ministeru ergajt ingħatajt *scholarship* ieħor, din id-darba mill-Ministeru tal-Affarijiet tal-Ġappun li offrewli mmur sena kors imħejji għad-diplomatiċi minn madwar id-dinja. Il-kors kien fil-lingwa Ġappuniża u fis-sistema politika tal-pajjiż. Kien hawn li għamilt ħafna kuntatti u ħafna minn dawk li studjaw miegħi llum huma kważi kollha Ambaxxaturi ta' pajjiżhom imxerrdin mad-dinja. Wara l-kors ġewwa l-Japan Foundation Language Institute ġewwa Osaka ergajt lura l-Ministeru u sena wara ngħatajt it-tieni *posting* ġewwa Beijing peress li l-Ġappun u l-Korea konna akkreditati għalihom minn Beijing. Fl-1995 spiċċajt il-*posting* u rritornajt lura Malta fil-Ministeru fejn ħdimt tliet snin sakemm fl-2008 intbgħatt Tripli li dak

iż-żmien kienet waħda mill-aktar ambaxxati beżlin li kellna. Kont veru mgħobbi bix-xogħol imma issa kelli wkoll snin ta' esperjenza warajja. Mat-tielet sena, fl-2011 faqqgħet il-kriżi fi Tripli u kont involut fl-evakwazzjoni ta' mijiet ta' Maltin u eluf ta' barranin li kollha għaddew minn Malta. Dan kien wieħed mill-aktar mumenti perikolużi li għaddejt għaliex bħala parti minn xogħli kien li nassisti l-Maltin fl-ajruport meta kien kważi impossibbli li tersaq lejh. Meta mbagħad l-ajruport ta' Tripli ngħalaq, spiċċajt il-port nassisti lill-Maltin li kien baqa' u eluf ta' barranin jitilqu lejn Malta malajr kemm jista' jkun. Jien tlaqt mal-aħħar Catamaran u l-vjaġġ lejn Malta f'baħar imqalleb dam iżjed minn disa' sigħat. Il-Libja kienet għadha għaddejja minn kriżi meta Malta ddeċidiet li tiftaħ Konsolat ġewwa Benghazi. Jien ġejt fdat b'dan l-inkarigu u f'Awwissu tal-2011 sibt ruħi niftaħ Konsolat żgħir fil-qalba tat-tieni belt Libjana minn fejn bdiet ir-rivoluzzjoni f'mument meta Gaddafi kien għadu qed jigi mfittex ġewwa Sirte. Domt sentejn ġewwa Benghazi fejn is-sitwazzjoni baqghet instabbli. Il-konsolat kien suċċess u rnexxielna wkoll nibdew titjiriet tal-Air Malta dirett għal Benghazi darbtejn fil-ġimgħa. Iżda l-instabilità u l-infiltrazzjoni tal-gruppi estremisti għamluha diffiċli biex tkompli topera missjoni diplomatika. Inqatel l-Ambaxxatur Amerikan Chris Stevens ġewwa Benghazi u ftit wara spara fuq il-Konslu Taljan Guido De Sanctis u fuq il-Konslu Franċiż. Sadanittant, aħna bqajna naħdmu sakemm fit-12 ta' Ottubru 2013 kelli niġi evakwat għaliex kien imiss lili li nitwarrab min-nofs.

Erġajt sibt ruħi l-Ministeru wara ħames snin il-Libja mimlijin memorji ta' xogħol ma jaqta' xejn u mumenti ta' tensjoni inkredibbli. Wara tliet xhur, f'Jannar 2014, ingħatajt *posting* ieħor – din id-darba 'l bogħod mill-ħsejjes tal-bombi. Mort bħala Deputy High Commissioner ġewwa Canberra fejn kellna xogħol totalment differenti b'aċċenn kbir fuq il-komunitajiet Maltin li għandna mxerrda mal-Awstralja. Kien perijodu fejn daħħalna sistema *Consul On The Move* (COTM) fejn il-Konsli Maltin imorru fi bliet b'konċentrazzjoni ta' ċittadini Maltin u jgħinuhom f'applikazzjonijiet ta' passaporti u ħruġ ta' dokumenti.

Wara tliet snin Canberra reġgħu sejħuli għall-missjoni importanti oħra – dik li niftaħ u nibda nopera Ambaxxata ġdida f'Abu Dhabi fl-Emirati Magħquda. Konna ilna li ftaħna Konsolat Ġenerali f'Dubai fejn beda jiżdied in-numru ta' Maltin jaħdmu hemm, l-aktar bħala piloti, inġiniera u *hostesses* mal-Emirates. Iżda bil-mod il-mod bdew anke jidhru tobba u oħrajn jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu. F'Abu Dhabi bdiet tikber ukoll ftit ftit il-komunità Maltija, l-aktar dawk impjegati mal-kumpanija tal-ajru Etihad. Ġewwa Abu Dhabi kelli wkoll ix-xogħol tal-Presidenza tal-Unjoni Ewropea li jien ħdimt fl-ewwel sitt xhur tal-2017 flimkien mar-Rappreżentanza tal-Unjoni Ewropea.

Ġewwa Abu Dhabi domt sa Ottubru tal-2017 meta lħaqt il-mira li nara l-Ambaxxata stabbilita għaliex kien wasal ukoll iż-żmien li nirtira wara 30 sena ta' ħidma intensiva bħala diplomatiku f'diversi nħawi tad-dinja.

### *Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Tista' bħala diplomatiku anzjan u bl-esperjenza tiddikjara x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissudaw iktar ir-relazzjonijiet diplomatiċi ta' pajjiżna mal-Qatar?**

Ir-relazzjonijiet diplomatiċi bejn żewġ pajjiżi jissaħħu meta l-iskambji bejniethom jiżdiedu u l-kooperazzjoni tinfirex fuq firxa wiesgħa ta' setturi li tiġi riflesssa wkoll fil-volum ta' kummerċ bejn żewġ pajjiżi. Bħalissa jidher li għandna bilanċ favur Malta f'dak li huwa kummerċ,

għalkemm hemm lok li l-volum jista' jikber sew. Irridu naraw kif inżidu l-kooperazzjoni f'aktar oqsma sabiex jiżdiedu l-iskambji f'kull livell possibbli. Għalkemm l-ekonomija tal-Qatar hija fil-parti l-kbira dominata mill-produzzjoni u l-esportazzjoni taż-żejt, il-gvern qed jiddiversifika u jinvesti f'oqsma bħat-turiżmu, l-isport u l-edukazzjoni fejn aħna nistghu nsibu niċeċ u opportunitajiet ta' kooperazzjoni.

Viżti reċiproċi ta' uffiċjali għolja u mexxejja tal-gvern ukoll jagħtu sinjali ta' tisħiħ ta' relazzjonijiet.

Importanti li jkollna wkoll servizz tal-ajru dirett bejn iż-żewġ pajjiżi bħalma diġà għandna għaliex dan jiffaċilita kemm l-ivvjaġġar tat-turisti kif ukoll ġarr ta' merkanzija. Fl-aħħar xhur rajna kemm kienet strumentali l-Qatar Airways fil-ġarr ta' tagħmir mediku in konnessjoni mal-pandemija tal-COVID-19.

Fil-fehma tiegħi wasal iż-żmien biex nifthu Ambaxxata f'Doha. Niftakru li l-Qatar fetaħ Ambaxxata f'Malta fl-2013. Barra minn hekk, il-kriżi li ġabet qasma fost il-membri tal-GCC ġabitna b'żewġ Ambaxxati fuq naħa (Riyadh u Abu Dhabi) u għalhekk jagħmel sens li nifthu ġewwa Doha ħalli nwasslu l-messaġġ ta' bilanċ. Ma ninsewx li għandna Ambaxxata oħra fil-Kuwajt, li huwa meqjus pajjiż newtrali fil-kriżi preżenti u li minn żmien għall-ieħor qed jagħmilha ta' medjatur.

**2. Tista’ tindika x’taħseb dwar is-sitwazzjoni preżenti fir-reġjun u x’pożizzjonijiet wieħed għandu jikkoltiva sabiex inżidu fir-rabtiet diplomatiċi tagħna?**

Is-sitwazzjoni li nħolqot fir-reġjun tal-Golf hija preokkupanti ħafna l-aktar meta nosservaw li l-effetti tagħha qed jinħassu issa fil-Libja fejn għandek l-Emirati u l-Arabja Sawdija jappoġġjaw lil Khalifa Haftar, filwaqt li l-Qatar ingħaqad mat-Turkija u qegħdin jappoġġjaw lill-Gvern fi Tripli li huwa rikonoxxut minn Nazzjonijiet Uniti. Din ix-xiżma li seħħet fl-2017 bejn il-pajjiżi tal-GCC hija bażikament l-iżolament tal-Qatar mill-Arabja Sawdija, l-Emirati u l-Bahrain. Magħhom ingħaqdu aktar tard l-Eġittu, il-Yemen u l-Maldivi. Il-Kuwajt u l-Oman baqgħu newtrali f'din il-kwistjoni. Il-Qatar ġie akkużat li kien qed jappoġġja movimenti Iżlamiċi estremisti kif ukoll fetaħ relazzjonijiet mal-Iran, li huwa r-rivali prinċipali tal-Arabja Sawdija fir-reġjun. Inqatghu r-relazzjonijiet diplomatiċi u ngħalaq l-ispazju tal-arja ta’ dawn il-pajjiżi għall-ajruplani tal-Qatar. Il-Qatar hija peniżola u tmiss fuq l-art bl-unika fruntiera mal-Arabja Sawdija li hija vitali minn fejn il-Qatar idaħħal 40% tal-prodotti tal-ikel. Il-fruntiera ngħalqet minnufih u l-Arabja Sawdija għadha tħedded li tħaffer kanal tul il-fruntiera kollha u taqta’ lill-Qatar bħala gżira.

Din is-sitwazzjoni ġabet taqlib kbir fir-reġjun li ra alleanzi ġodda. Il-Qatar sejjaħ l-għajnuna tat-Turkija u l-Iran li mill-ewwel bdew ifornu l-Qatar bil-provvisti tal-ikel u aċċess għall-ispazju tal-ajru li sar vitali għall-ajruplani kummerċjali tal-Qatar. It-Turkija fetħet bażi militari fil-Qatar u l-Iran fetaħ Ambaxxata ġewwa Doha. Dawn il-miżuri komplew żiedu l-għadab tal-ġirien tal-Qatar, li minhabba l-ekonomija soda tiegħu baqa' għaddej bil-pożizzjoni li ħa. Saru ħafna tentattivi mill-Kuwajt u pajjiżi oħra biex jerġgħu jġibu l-paċi bejn il-Qatar u l-pajjiżi ġirien, iżda s'issa jidher li dawn it-tentattivi ma swew għal xejn. L-Arabja Sawdija u l-alleati tagħha f'din il-kriżi taw lill-Qatar sitt punti li jekk ikun hemm qbil dwarhom lesti li jerġgħu jinnegozjaw. Fost dawn hemm li tingħalaq l-aġenzija Al Jazeera u l-għeluq tal-Ambaxxata Iranjana. Il-Qatar għadu jsostni li qatt ma għen lill-gruppi militanti Iżlamiċi bhal Al Qaeda u IS, għalkemm ammetta li ssapportja lill-Muslim Brotherhood.

Fl-isfond ta' sitwazzjoni bħal din, Malta ma tistax tieħu pożizzjoni ma' naħa jew oħra. Malta għandha tibqa' newtrali u taħdem kull fejn tista' biex tkattar id-djalogu bejn iż-żewġ naħat. L-Ambaxxati taghna wkoll jistghu jwasslu messaġġ ta' rikonċiljazzjoni. Għalhekk hemm bżonn aktar minn qatt qabel li jkollna rappreżentanza f'Doha li tqarrabna iżjed mal-awtoritajiet tal-pajjiż. Barra minn hekk, Ambaxxata tkun strumentali li ngħollu l-livell ta' kooperazzjoni fis-setturi kollha li nfasslu li naħdmu fuqhom.

3. **Tista' tindika jekk għandniex ċittadini tagħna jgħixu hemm u x'interessi kummerċjali jew soċjali jista' jkollna?**

Kull fejn kont *posting* dejjem sibt li kien hemm xi Maltin jew komunità Maltija. Pereżempju fl-Emirati nikkalkolaw li hemm 'il fuq minn 1,000 ruħ. Il-parti l-kbira jaħdmu mal-linji tal-ajru Emirates u Etihad, kemm bħala piloti jew *cabin crew* jew inġiniera. Nimmagina li anke l-Qatar hemm xi Maltin, probabbli jaħdmu mal-Qatar Airways, imma naħseb li n-numru huwa ferm anqas minn dak li għandna fl-Emirati.

4. **Tista' għalhekk tinforma jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali personali hemm?**

Niddikjara li m'għandi ebda rabta jew xi tip ta' investiment kummerċjali fil-Qatar.

5. **Tista' tiddikjara jekk hemmx xi forma ta' konflitt ta' interess f'din il-ħatra?**

Niddikjara li m'għandi l-ebda konflitt ta' interess ta' ebda xorta f'din il-ħatra.

6. **Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport ta' pajjiż ieħor?**

Jien għandi biss passaport Malti.